MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1353/1993/1

**Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assiguratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Industrial Motors Limited; u b'nota ta' l-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` Industrial Motors Limited assuma fil-vesti ta' attur fil-kwalita` tieghu premessa l-atti tal-kawza minflok Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.**

**Vs**

**James Gollcher u Karl Gollcher bhala diretturi in rapprezentanza tas-socjeta` O.F. Gollcher & Sons**

**Ltd., agenti Malta ta’ Nippon Yusen Kaisha NYK Line, armaturi tal-vapur JINSEI MARU; u Godwin Abela, ghan-nom u in rapprezentanza ta’ The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` Industrial Motors Limited importat mill-Gappun mija u ghaxar (110) vetturi tal-marka Suziki fuq il-vapur JENSEI MARU (Dok. 1 sa Dok. 8);

Premess illi wara l-wasla tal-bastiment f’Malta fis-27 ta’ Novembru 1992 (Dok. 9 sa Dok. 12), meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi fuq imsemmija, irrizulta likien hemm in-nuqqas u hsarat li huma elenkati fix-Schedule ta’ l-Informatin Form ta’ l-Institute of London Underwriters datat 9 ta’ Dicembru 1992 anness ma’ l-att tac-citazzjoni u markat Dok. 13;

Premess illi ghal dan in-nuqqas u hsara l-assigurazzjoni attrici kif obbligata, hallset is-somma ta' disa’ mija tlieta u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm953.70) li minnhom erba’ mija u erbghin lira (Lm440) kienu *survey fees,* u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici kif jittizulta mill-annessa surroga datata 23 ta’ April 1993 (Dok. 14);

Premess illi l-konvenuti *nomine* jew min minnhom, huwa responsabbli ghall-imsemmi nuqqas u hsara;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq riferiti;

2. Tikkundanna lill-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' disa' mija tlieta u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm953.70) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur *nomine*, bl-interessi mit-23 ta' April 1993 (Dok. 14) fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti James Gollcher u Karl Gollcher *nomine* illi fiha huma eccipew:-

1. Illi in kwantu diretti kontra l-eccipjenti *nomine* t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti *nomine* ma keinx respnsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti ma kellhomx ibatu s-survey fee stante li din ma kienetx parti mid-danni ta l-assigurat (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Citaz Nru 112/86 – Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et);

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Cita Citaz Nru 112/86 –Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et);

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ir-responsabilita` ta' l-eccipjent *nomine* hija limitata skond il-polza tal-kariku;

5 Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament kellu jigi esibit l-allegat kuntratt jew ftehim ta’ agenzija li s-socjeta` attrici qed tallega li kellha mas-socjeta` assiguratrici estera;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta’ Lm513.70 lill-Industrial Motors Ltd., u l-polza ta’ l-assigurazzjoni relattiva;

3. Illi di piu fil-meritu, l-importatur nnifsu ffirma l-*Gate Pass Out* tramite r-rapprezentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija “*in good order and condition*” bla ma ghamel jew insista ghal ebda rimarka dwar l-istess ai termini tas-sentenza deciza fid-19 ta’ Awissu 1992, fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 1103/86) – Qorti ta’ l-Appell – Sede Kummercjali) is-socjeta` konvenuta mhijiex responsabbli ghall-allegat hsarat u nuqqas;

4. Illi fir-raba’ lok u bla pregudizzju ghal premess l-ammont huwa ghal kollox esagerat stante li l-ammont ta’ Lm440 bhala *survey fees* saru proprju mis-socjeta` attrici proprju u mhemm ebda surroga ghar-rigward ta’ l-istess u dana skond sentenza datata 6 ta’ April 1992, fil-Qorti ta’ l-Appell – Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 112/86);

5. Illi di piu u bla pregudizzju ghal premess l-interessi ma jiddikorrux mid-data tas-sentenza u dana skond sentenza datata 6 ta’ April 1992 fil-Qorti tal-Kummerc – Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Dr Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo u aktar u aktar meta l-konvenuti *nomine* qatt

qabel din il-kawza ma gew notifikati bl-ammont u bid-dettalji ta’ l-allegati hsarat u nuqqas;

6. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici kellhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Frar 1994 li permezz tieghu gie nominat L-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jisma’ l-provi kollha;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-fatti f'din il-kawza huma konsimili ghal bosta ohrajn rigwardanti importazzjoni ta' vetturi fejn diversi drabi l-Qrati hassew il-htiega li jikkummentaw li l-proceduri tal-port ghar-rilaxx ta' din ix-xorta ta' merkanzija f'certa epoka partikolari kienet tali illi kienet timponi fuq l-importatur illi, biex jizdogana l-vetturi mill-port u johodhom minn taht idejn is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited, htieglu *nolens volens* jaccetta r-rilaxx ta' "*clean gate pass out*", nonostante li jkunu gew verifikati nuqqasijiet jew hsarat fl-istess vetturi;

L-istess kif rimarkat fid-decizjoni "**Noel Ellul *nomine* -vs- Joseph Apps *nomine* et**", Appell, 9 ta' Frar 2001, "dan hu proprju wiehed minn dawk il-kazijiet li sehhew dak iz-zmien u l-provi adegwatament juru bla ebda dubju c-cirkostanzi li fihom is-socjeta` assigurata mad-ditta attrici kienet obbligaata u kostretta li tirtira l-vetturi.";

F'dan il-kaz is-socjeta` Industrial Motors Limited importat f'Malta mija u ghaxar (110) vetturi tal-marka "Suzuki" u li gew trasportati permezz tal-bastiment "JINSEI MARU" skond *bill of lading* esebita a fol 6 tal-process;

Issa kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza il-polza tal-kariku "*rappresenta la merce*" (**Vol. XX P III p 3**) u taghmel "*prova della caricazione*" (**Vol. VII p 366**), kif hekk del resto jistabilixxi l-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc. Konsegwentement in kwantu prova tat-trasport permezz ta' dan id-dokument il-kaptan tal-vapur jobbliga ruhu li jikkonsenja l-merkanzija fil-port tad-destinazzjoni fl-istess kundizzjoni li tghabbiet u lil min ikollu dritt ghaliha skond it-termini ta' l-istess polza (**Vol. XLIII P III p 862**);

F'dan il-kaz il-polza kienet wahda "*clean*" u bla ebda rimarki. Wiehed ghalhekk jistenna li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kundizzjoni tajba;

Jirrizulta mit-*tally sheet* (fol. 28 sa fol. 30) illi l-vetturi gew "*tallied*" mit-*tally clerk* Martin Borg, li kkonferma l-kontenut taghhom, li l-vetturi nhattu f'kundizzjoni tajba u minghajr ebda rimarki dwar nuqqasijiet jew hsarat. F'dan hu sostent minn Oliver Losco, Cargo Surveyor inkarigat minn Gollcher & Sons Ltd bhala Llyods agents, li spezzjona l-vetturi abbord il-vapur u li, inoltre, skond is-*survey* tieghu (Dok. OL) "*same were found in apparent good condition*";

Issa hu minnu li anke il-*Gate Passes Out* (Dok. CM1 u CM2) juru li fil-mument tar-rilaxx tal-vetturi mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited dawn ukoll inhargu f'kondizzjoni daqstant tajba bhal ma kienu gew ricevuti minnha mill-vapur. B'danakollu kif bosta drabi gie emfasizzat il-prova ta' dan id-dokument portwali ma hijiex wahda *juris et de jure* izda biss wahda *juris tantum* u allura seta' jigi zmentit permezz ta' provi ohra. Hekk gara fil-fatt f'dan il-kaz;

Kif manifest mix-xhieda ta' Carmelo Mangion, messaggier mas-socjeta` importatrici, u aktar u aktar mill-affidavit ta' Anthony Grech (fol. 49) gja Service Manager ma' l-istess

socjeta`, il-vetturi gew ezaminati kollha waqt li kienu ghadhom taht il-kustodja tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited u fil-kors ta' din l-ispezzjoni gew konstatati bosta nuqqasijiet, ahjar dettaljati fl-itta tieghu tas-16 ta' Frar 1993 a fol. 52 *et sequitur* tal-process;

Dan l-istess xhud jippreciza, imbaghad, dwar ir-raguni il-ghala r-rapprezentant ta' l-importatur kien jiffirma *clean Gatt Pass Out* minkejja n-nuqqasijiet billi jafferma illi jekk dan kienx isir "il-Cargo Handling ma kienux ihalluna nohorgu l-karozzi mil-Laboratory Wharf bir-riskju li jibqghu x-xatt esposti ghal possibilita` ta' hsarat u.jew nuqqasijiet ohra, oltre r-renta.";

L-attendibilita` tal-*Gatt Pass Out* hi skreditata wkoll mis-*survey* kondott mix-xhud John Borg u li wkoll sar waqt li l-vetturi kienu ghadhom fil-pussess tal-kuntrattur portwali u f'mument vicin il-konsenja tal-vetturi lill-importatur. Dan ukoll stabilixxa n-nuqqasijiet ta' diversi accessorji mill-karozzi. Accessorji li kif gie drabi ohra rilevat "huma tant meqjusa bhala parti mill-vettura illi n-nuqqas taghhom hu anke facilment notat bhala serq" (**"Leslie Causon *nomine* -vs- Godwin Abela et *nomine* et"**, Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

F'dan il-kuntest l-uniku xhud prodott mill-Cargo Handling Company Limited, Noel Spiteri, delivery clerk, ma tantx hu ta' suffragju ghall-posizzjoni assunta minn din is-socjeta` gjaladarba hu stess *ex concessis* jghid li ghalkemm isir *checking* minnhom, "gewwa ma jiccekkjawhx";

Kif intqal fi skorta ta' decizjonijiet fuq is-suggett u b'referenza ghal *Gate Pass Out* dawn il-provi "serjament ipoggu fid-dubju u jimminaw l-attendibilita` tieghu" ("**Leslie Causon noe -vs- James Gustaf Gollcher noe et**", Appell, 30 ta' Marzu 2001; "**Noel Ellul noe -vs- James Gollcher et *nomine* et**", Appel, 12 ta' April 1999; "**Avukat Dottor Robert Staines noe -vs- James Gollcher et noe et**", Appell, 12 ta' April 1999);

*Qua* depozitarja tal-vetturi s-socjeta` The Cargo Handling Company Limited kellha tuza d-diligenza ta' "*buon padre*

*di famiglia*" (**Vol. XXIX P I p 1422**) u fil-kustodja tal-vetturi kellha tiehu hsieb taghhom daqs kemm tiehu hsieb ta' hwejjigha (Artikolu 1899 tal-Kapitolu 16). Inkella jkollha twiegeb ghan-nuqqas rizultanti minn negligenza taghha ("**Maggur C. Bartolo noe -vs- Joseph Dalli et**", Qorti tal-Kummerc, 26 ta' Mejju 1966);

Fil-kaz *de quo* fuq il-fatti processwali l-Qorti ma tistax ma tirravizax dik il-kolpa li l-ligi tirrikjedi biex tghabbi lid-depozitarju bir-responsabilta ghan-nuqqasijiet riskontrati ta' accessorji minn karozzi godda;

Anke jekk ma tqajmetx f'dan il-kaz bhala eccezzjoni l-istess socjeta` konvenuta xorta ma kienx jirnexxielha ssib konfort bl-invokazzjoi ta' l-Artikolu 90 tal-Port Regulations 1966 dwar il-fatt tar-riskju mixhut b'dan l-artikolu fuq l-importatur. Fil-verita anke kieku sollevata, kif stabbilit f'diversi sentenzi pretensjoni bhal din giet mill-Qrati "ridimensjonata u definita bhala mhux applikabbli ghall-kazijiet taht ezami" ("**Leslie Causon noe -vs- Godwin Abela noe**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Jifdal li tigi konsiderata r-raba' eccezzjoni ta' din is-socjeta` konvenuta dwar li l-ammont reklamat f'*survey fees* huwa esagerat. Din il-Qorti tikkonkorda ma' dan l-ilment u jidhrilha illi jekk in-nuqqasijiet u danni gew riskontrati f'disgha u hamsin (59) minn mija u ghaxar (110) vetturi, u dan kif rizultanti mis-*Small Claim Information Form* (fol. 18), allura jinhass gust li dawn l-istess *survey fees* jigu limitati ghal dan in-numru ta' vetturi;

F'dan ir-ragjonament il-Qorti ghandha l-konfort tad-decizjoni fl-ismijiet "**Avv. Dottor Robert Staines noe -vs- James Gollcher et noe et**", Appell, 30 ta' Marzu 2001 fejn gie sostnut illi "kienu biss dawk is-survey fees li kienu mehtiega biex jigu stabbiliti d-danni pretizi li setghu jigu reklamati";

Ghalhekk l-ammont tas-*survey fees* qed jigi ridott ghal mitejn u sitta u tletin lira Maltija (Lm236).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u fl-ewwel lok filwaqt li tillibera lil James Gollcher *et nomine* minn kull htija, issib lis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited unikament responsabbli ghan-nuqqas ta' accessorji mill-vetturi importati u/jew hsarat dwar l-istess vetturi;

Tilqa' it-Tieni Talba u tillikwida d-danni, mgarrba fil-vetturi u *survey fees* limitatament ghas-somma komplessiva ta' seba' mija disgha u erbghin lira Maltija, wiehed u sebghin centezmu (Lm749.71,0) kwantu ghal hames mija u tlettax-il lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm513.71,0) danni ghan-nuqqasijiet u hsarat u mitejn u sitta u tletin lira Maltija (Lm236) bhala *survey fees*;

Konsegwentement tikkundanna lil din is-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk stabbilit lis-socjeta` assiguratrici attrici, bl-interessi legali jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

In kwantu diretta kontra s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati minn din is-socjeta`.  Dawk fil-konfront tal-konvenut James Gollcher et *nomine* jibqghu a kariku tas-socjeta` assiguratrici attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------